

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



L-Opinjoni 8/2019 dwar il-kompetenza ta' awtorità superviżorja f'każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi relatati ma' stabbiliment ewlieni jew uniku

Adottata fid-9 ta' Lulju 2019

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Werrej

1	Sommarju tal-Fatti	3
2	DWAR IL-KOMPETENZA TAL-BORD BIEX JADOTTA OPINJONI SKONT L-ARTIKOLU 64(2) DWAR DAN IS-SUĠĠETT	4
3	DISPOŻIZZJONIJIET RELEVANTI.....	5
4	OPINJONI TAL-EDPB	6
4.1	Kamp ta' applikazzjoni	6
4.2	Ir-raġuni fundamentali għall-opinjoni.....	6
4.3	L-opinjoni adottata.....	8
4.3.1	Rilokazzjoni tal-istabbiliment ewlieni jew uniku fiż-ŻEE	8
4.3.2.....	Il-ħolqien tal-istabbiliment ewlieni jew uniku jew ir-rilokazzjoni minn pajjiż terz għaż-ŻEE	8
4.3.3	L-għejbien tal-istabbiliment uniku jew ewlieni	9
5	KONKLUŻJONI.....	10

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63 u l-Artikolu 64(2) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-ŻEE u b' mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

Billi:

(1) L-irwol prinċipali tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem "il-Bord") huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. L-Artikolu 64(2) tal-GDPR jipprevedi li kwalunkwe awtorità superviżorja, il-President tal-Bord jew il-Kummissjoni tista' titlob li kwalunkwe kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali jew li jkollha effetti f'aktar minn Stat Membru taż-ŻEE wieħed tiġi eżaminata mill-Bord bil-ħsieb li tinkiseb opinjoni. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tiġi eżaminata kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali jew li tipproduċi effetti f'aktar minn Stat Membru taż-ŻEE wieħed.

(2) Fit-30 t'April 2019, l-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Data Franċiżi u Żvediżi talbu lill-Bord sabiex jeżamina u joħroġ opinjoni dwar il-kontinwità tal-kompetenza ta' awtorità nazzjonali f'każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi li jirrelataw mal-istabbiliment ewlieni jew uniku.

(3) L-opinjoni tal-Bord għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura fi żmien tminn ġimgħat mill-ewwel ġurnata tax-xogħol wara li l-President u l-awtoritajiet superviżorji kompetenti jiddeċiedu li l-fajl huwa lest. Fuq deċiżjoni tal-President, filwaqt li titqies il-komplessità tas-suġġett, dan il-perijodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. L-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Data Franċiżi u Żvediżi talbu lill-Bord sabiex jeżamina u joħroġ opinjoni dwar il-kontinwità tal-kompetenza ta' awtorità nazzjonali f'każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi li jirrelataw mal-istabbiliment ewlieni jew uniku.
2. Dawn il-bidiliet jistgħu jsiru meta:
 - stabbiliment ewlieni jew uniku jiġi rilokat minn pajjiż taż-ŻEE wieħed għal pajjiż taż-ŻEE ieħor;
 - stabbiliment ewlieni jew uniku ma jibqax jeżisti f'territorju taż-ŻEE;

— stabbiliment ewlieni jiġi stabbilit f'territorju ta' pajjiż taż-ŻEE jew jiċċaqlaq minn pajjiż terz għal pajjiż taż-ŻEE.

3. L-awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-*Data* Franċiżi u Żvediżi speċifikament issottomettew il-mistoqsijiet li ġejjin:
 - Minn meta tista' kompetenza tal-awtorità tiġi kkunsidrata bħal definittivament fissa li kwalunkwe bidla relatata maċ-ċirkostanzi tal-istabbiliment ewlieni jew uniku ssir mingħajr effett fuq il-proċedura?
 - Għandu dan ikun il-mument inizjali meta awtorità tirċievi ilment jew, jekk mhux abbażi ta' ilment, meta l-awtorità tibda tħares lejn ipproċessar skont id-diskrezzjoni tagħha?
 - Għandu dan ikun il-mument meta awtorità tiddeċiedi li tibda investigazzjoni u tikkuntattja lill-kontrollur/proċessur?
 - Għandu jkun il-mument meta tiġi mnedija proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet?
 - Għandu dan ikun il-mument meta l-awtorità tieħu deċiżjoni u għaldaqstant ittemm il-każ inkwistjoni?
4. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittieħdet fis-17 ta' Mejju 2019. Il-perijodu sa meta din l-opinjoni għandha tiġi adottata ġie stabbilit sat-12 ta' Lulju.

2 DWAR IL-KOMPETENZA TAL-BORD BIEX JADOTTA OPINJONI SKONT L-ARTIKOLU 64(2) DWAR DAN IS-SUĠĠETT

5. Il-Bord jikkonsidra li l-kwistjoni tal-kompetenza ta' awtorità nazzjonali f'każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi li jirrelataw mal-istabbiliment ewlieni jew uniku tikkonċerna "*kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali*" tal-GDPR, minħabba li hemm hteġġa ċara għal interpretazzjoni konsistenti fost l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* dwar il-limiti tal-kompetenza tagħhom. Partikolarment, hemm il-hteġġa ta' kjarifika biex, fost affarijiet oħra, tiġi żgurata Prattika konsistenti ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 60, assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61 tal-GDPR u attivitajiet konġunti skont l-Artikolu 62 tal-GDPR.
6. Fil-fatt, il-GDPR ma fih l-ebda dispożizzjoni speċifika relatata mal-każ fejn l-istabbiliment ewlieni jew uniku tal-kontrollur jew il-proċessur huwa stabbilit f'territorju ta' wieħed mill-Istati Membri taż-ŻEE u rilokat f'nofs proċedura f'territorju ta' Stat Membru ieħor jew barra miż-Żona Ekonomika Ewropea, u lanqas mal-każ fejn stabbiliment jinħoloq fiż-Żona Ekonomika Ewropea f'nofs proċedura jew ma jibqax jeżisti.
7. Bl-istess mod, sal-lum, il-linjigwida tal-EDPB, u partikolarment dawk relatati mal-awtorità superviżorja ewlenija, ma jipprovdu l-ebda informazzjoni oħra minn dik li tagħti l-GDPR fir-rigward ta' dawn is-sitwazzjonijiet.
8. S'issa, sabiex ikun hemm implimentazzjoni konsistenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha, għandu jinstab kriterju oġġettiv biex jiġi ffixat il-mument minn meta kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi ma jkollha l-ebda effett fuq il-kompetenza miksuba minn awtorità. Din il-kwistjoni hija ta' importanza sinifikanti peress li l-kwistjoni tal-kompetenzi konkorrenti potenzjali bejn l-awtoritajiet superviżorji għandha tiġi indirizzata. Għaldaqstant huwa neċessarju, mhux biss mill-perspettiva ta' ċertezza legali iżda wkoll

minn perspettiva operazzjonali (każ trattat mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*), li jġu kkjarifikati l-mistoqsijiet li tqajmu.

9. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord jikkonsidra li l-mistoqsijiet li tqajmu mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* Franċiżi u Żvediżi jistgħu jkunu soġġetti għal opinjoni skont l-Artikolu 64(2).

3 DISPOŻIZZJONIJIET RELEVANTI

10. L-Artikolu 4.3, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi: *“Skont il-prinċipju tal-koperazzjoni leali, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, f’rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħroġu mit-Trattati. L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura xierqa, ġenerali jew partikolari sabiex jassiguraw li l-obbligi li joħroġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jiġu ssodisfati. L-Istati Membri għandhom jgħinu lill-Unjoni sabiex twettaq il-kompiti tagħha u joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista’ tqiegħed f’ periklu l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni.”*
11. L-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li: *“Kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b’mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni”*.
12. L-Artikolu 51(1) tal-GDPR jispeċifika l-mandat legali tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*, li huwa għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-GDPR sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta’ persuni fiżiċi b’rabta mal-ipproċessar u biex jiġi ffaċilitat il-fluss liberu ta’ data personali fiż-Żona Ekonomika Ewropea.
13. L-Artikoli 55, 57 u 58 jispeċifikaw il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat ta’ kull awtorità għall-protezzjoni tad-*data*¹.
14. L-Artikolu 56 jipprevedi għall-“mekkaniżmu ta’ punt uniku ta’ servizz”, regola proċedurali skont liema jingħata rwol speċifiku lil awtorità superviżorja ewlenija, definita bħala l-awtorità fuq it-territorju li fuqu l-kontrollur jew il-proċessar għandu l-istabbiliment ewleni jew uniku tiegħu².
15. Il-Kapitolu VII tal-GDPR bl-isem *“Kooperazzjoni u Konsistenza”*, jiddefinixxi l-modi differenti kif l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* għandhom jikkooperaw sabiex jikkontribwixxu għal

¹Għandu jiġi mfakkar f’dan ir-rigward li l-premessa 11 tal-GDPR tistipula kif ġej: *“Il-protezzjoni effettiva tad-*data* personali fl-Unjoni kollha teħtieġ it-tisħiħ u l-ispeċifikar fid-dettall tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u l-obbligi ta’ dawk li jipproċessaw u jiddeterminaw l-ipproċessar ta’ *data* personali, kif ukoll ta’ setgħat ekwivalenti għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-*data* personali u sanzjonijiet ekwivalenti għall-ksur fl-Istati Membri.”* Il-Premessa 13 of the GDPR tiddikjara li wieħed mill-għanijiet tar-Regolament huwa *“li jipprovdni ċertezza legali u trasparenza għall-operaturi ekonomiċi [...] kif ukoll kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri”*. Fl-aħħar skont il-Premessa 122, *“Kull awtorità superviżorja għandu jkollha kompetenza fit-territorju tal-Istat Membru tagħha stess biex teżerċita s-setgħat u twettaq il-kompiti li tingħata f’konformità ma’ dan ir-Regolament”*.

² Il-Premessa 124 tipprevedi li: *“Fejn l-ipproċessar ta’ data personali jsir fil-kuntest tal-attivitajiet ta’ stabbiliment ta’ kontrollur jew proċessar fl-Unjoni u l-kontrollur jew il-proċessar ikun stabbilit f’iktar minn Stat Membru wieħed, jew fejn l-ipproċessar isir fil-kuntest tal-attivitajiet ta’ stabbiliment uniku ta’ kontrollur jew proċessar fl-Unjoni, u dan jaffettwa b’mod sostanzjali lil suġġetti tad-*data* f’aktar minn Stat Membru wieħed, jew x’aktarx li ser jaffettwawhom b’mod sostanzjali, l-awtorità superviżorja għall-istabbiliment ewleni tal-kontrollur jew il-proċessar jew għall-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew il-proċessar għandha taġixxi bħala awtorità ewlenija”*.

applikazzjoni konsistenti tal-GDPR. Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma stabbiliti partikolarment fil-Artikolu 60 tal-GDPR li jipprevedi għall-kooperazzjoni bejn l-awtorità supervizzorja ewlenija u l-awtoritajiet supervizzorji kkonċernati l-oħra³. Bl-istess mod, skont l-Artikoli 61 u 62 tal-GDPR, l-awtoritajiet supervizzorji għandhom jipprovdu lil xulxin assistenza reċiproka u, fejn xieraq, iwettqu operazzjonijiet konġunti, inklużi investigazzjonijiet konġunti u miżuri ta' infurzar konġunti.

4 OPINJONI TAL-EDPB

4.1 Kamp ta' applikazzjoni

16. Fil-kuntest tal-opinjoni attwali, il-Bord huwa tal-fehma li l-mistoqsijiet ġeneralment jirrelataw ma' ksur ta' natura li jkompli jew kontinwa minħabba l-fatt li, biex issir bidla fiċ-ċirkostanzi relatati mal-istabbiliment ewlieni jew uniku, il-ksur jeħtieġ li jkun twettaq fuq ċertu perjodu ta' żmien. Ksur "li jkompli" huwa att (jew in-nuqqas) li jdum fuq perijodu ta' żmien u ksur "kontinwu" huwa reat li jikkonsisti f'diversi atti li kollha kemm huma fihom elementi tal-istess (jew simili) reat li jkun sar fuq ċertu perijodu ta' żmien (il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Awla Manja, il-każ ta' Rohlena v. ir-Repubblika Ċeka, applikazzjoni nru 59552/08).

4.2 Ir-raġuni fundamentali għall-opinjoni

17. L-EDPB jenfasizza li r-regoli tal-GDPR dwar id-distribuzzjoni tal-kompetenzi fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati differenti u l-kunċett ta' awtorità ewlenija huma bbażati fuq kooperazzjoni intensa u akkurata fost l-awtoritajiet supervizzorji. Dan il-livell għdid ta' kooperazzjoni ġej mill-fatt li l-GDPR issa huwa l-qafas legali komuni għall-protezzjoni tad-*data*, għaldaqstant m'għandux ikun hemm dubju jew ostakli għall-awtoritajiet supervizzorji b'rabta mal-applikazzjoni konsistenti u rapida tal-GDPR. Għaldaqstant, meta tiġi kkunsidrata r-risposta t-tajba għall-mistoqsija mqajma, il-kooperazzjoni effiċjenti tal-awtoritajiet supervizzorji abbażi ta' fiduċja reċiproka tkun il-punt ta' tluq u obligatorja.
18. Sabiex ikun hemm implimentazzjoni konsistenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha, għandu jinstab kriterju oġġettiv biex jiġi ffixxat il-mument minn meta kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi ma jkollha l-ebda effett fuq il-kompetenza miksuba minn awtorità. Dan il-kriterju għandu jissodisfa tliet għanijiet:
 - jiżgura grad suffiċjenti ta' ċertezza legali u prevedibbiltà kemm għall-kontrollur tad-*data* u għas-suġġetti tad-*data*, li huwa għan iddikjarat fil-GDPR u partikolarment fil-Premessa 13;
 - iqis konsiderazzjonijiet relatati mal-amministrazzjoni tajba billi jiżgura l-effiċjenza u l-effettività tal-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet (ara partikolarment l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Premessi 11 u 13 tal-GDPR) u billi jevita kwalunkwe użu ħażin tal-mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz fil-forma ta' forum shopping jew forum "hopping";
 - jillimita r-riskju ta' kompetenzi paralleli bejn l-awtoritajiet.
19. L-Artikolu 55(1) u l-Premessa 122 tal-GDPR jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali fir-rigward tal-kompetenza tal-awtoritajiet supervizzorji fejn kull awtorità supervizzjoni tkun kompetenti fir-territorju tal-Istat

³ Dan huwa sostnut mill-Premessi 123 sa 126 u 130. B'mod aktar speċifiku, skont il-Premessa 125, "(...) *Fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ewlenija, l-awtorità supervizzorja għandha tinvolvi l-awtoritajiet supervizzorji kkonċernati mill-qrib u tikkoordinahom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet*". Il-Premessa 126 tiddikjara li "*Id-deċiżjoni għandha tiġi maqbula b'mod konġunt mill-awtorità supervizzorja ewlenija u l-awtoritajiet supervizzorji kkonċernati u għandha tiġi diretta lejn l-istabbiliment ewlieni jew uniku tal-kontrollur jew il-proċessur (...)*".

Membru tagħha *“biex twettaq il-kompiti assenjati lilha u l-eżerċizzju tas-setgħat ikkonferiti lilha f’konformità ma’ dan ir-Regolament”*. Madankollu, l-Artikolu 56(1) u l-Premessa 124 fihom regola prevalenti u jipprevedu li l-awtorità superviżorja tal-istabbiliment ewlieni jew tal-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew il-proċessur tkun kompetenti biex taġixxi bħala l-awtorità superviżorja ewlenija għall-ipproċessar transkonfinali li jsir minn dak il-kontrollur jew proċessur.

20. L-Artikolu 56(1) huwa *lex specialis* u għaldaqstant jieħu prijorità kull darba li tqum xi sitwazzjoni ta’ pproċessar li tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati fih - bħal dak fejn ikun hemm stabbiliment ewlieni jew uniku fl-UE li jkun responsabbli għall-attivitajiet ta’ pproċessar transkonfinali involuti f’ilment/allegat ksur identifikat jew irrappurtat. Għaldaqstant, il-kompetenza tal-awtorità superviżorja ewlenija fit-trattament ta’ każ tinħoloq mill-eżistenza tal-istabbiliment ewlieni jew uniku tal-kontrollur/proċessur fit-territorju tal-Istat Membru tiegħu fil-kuntest ta’ attivitajiet ta’ pproċessar transkonfinali. Jekk l-istabbiliment ewlieni jew uniku jiċċaqlaq għal darbha l-proċediment ikun beda qabel jew mill-awtorità superviżorja ewlenija, u jekk l-istabbiliment ewlieni jew uniku ġdid jissodisfa l-kundizzjonijiet li għalihom jista’ jiġi kkunsidrat bħala tali, allura l-kontrollur/proċessur jingħata d-dritt li jiddependi fuq interlokutur uniku ġdid skont l-Artikolu 56(1) u 56(6), jiġifieri, l-awtorità superviżorja ewlenija l-ġdida fl-Istat Membru tal-istabbiliment ewlieni jew uniku.
21. Il-bidla tal-irwol bħala awtorità superviżorja ewlenija ma tfissirx li l-awtorità superviżorja inizjali ma kinitx kompetenti li taġixxi f’dak il-ħin li aġixxiet, u għaldaqstant ma ċċaħħadx b’mod retroattiv l-operazzjonijiet li jkunu diġà twettqu mill-awtorità inizjali ta’ bażi legali. L-awtorità superviżorja kompetenti ta’ qabel kellha ġurisdizzjoni sħiħa meta l-istabbiliment ewlieni jew uniku kien jinsab fit-territorju tagħha. Għaldaqstant, l-atti li saru jżommu l-valur tagħhom u l-evidenza u l-informazzjoni li tkun inġabret mill-awtorità superviżorja ewlenija ta’ qabel tista’ tintuża minn dik kompetenti ġdid.
22. Din is-soluzzjoni żżid il-probabbiltajiet lill-awtorità li qed tiddeċiedi li jkollha s-setgħa li tinforza d-deċiżjoni tagħha. Fil-fatt, l-awtorità superviżorja ewlenija l-ġdida qiegħda f’pożizzjoni li tinforza d-deċiżjoni li tiegħu peress li fit-territorju tagħha hemm stabbiliment tal-kontrollur jew proċessur li huwa konformi mal-prinċipju ta’ infurzar effettiv stabbilit fil-Premessa 11 tal-GDPR.
23. Barra minn hekk, din is-soluzzjoni toffri wkoll il-vantaġġ li tnaqqas ir-riskju li żewġ awtoritajiet (jew aktar) jikkunsidraw lilhom infushom bħala dik li għandha tmexxi għall-istess ksur jew, għall-kuntrarju, l-ebda awtorità ma tqis lilha nnfisha li għandha tmexxi. Fil-fatt, il-kriterju li tittieħed deċiżjoni finali huwa relattivament sempliċi u s-sodisfazzjon tiegħu huwa pjuttost faċli li jiġi determinat.
24. Fi kwalunkwe każ, ta’ min jenfasizza li, f’każ ta’ bidla fl-awtorità superviżorja ewlenija, se tiġi applikabbli l-proċedura ta’ kooperazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 60 u l-awtorità superviżorja ewlenija l-ġdida tkun taħt obbligazzjoni li tikkoopera mal-awtorità superviżorja ewlenija ta’ qabel u mal-awtoritajiet superviżorji kompetenti l-oħra sabiex jintlaħaq kunsens, tal-anqas jekk l-awtorità superviżorja ewlenija ta’ qabel tibqa’ awtorità superviżorja kompetenti. Fil-prattika, dan ifisser li l-awtorità superviżorja ewlenija l-ġdida għandha tissottometti abbozz ta’ deċiżjoni lill-awtorità superviżorja ewlenija ta’ qabel (u lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra), li bħal kwalunkwe awtorità superviżorja kompetenti oħra se tkun f’pożizzjoni li tesprimi oġġezzjoni relevanti u raġunata. Barra minn hekk, l-awtorità superviżorja ewlenija ta’ qabel se tkun f’pożizzjoni li tipparteċipa fit-twettiq tal-investigazzjonijiet fil-kuntest ta’ operazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 62 jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(22).

25. Il-fatt li ttieħdet deċiżjoni finali fi proċedura ta' kooperazzjoni li tnediet skont l-Artikolu 60 tal-GDPR għandu jitqies b'mod partikolari billi jiġi żgurat li l-awtorità superviżorja ewlenija inizjali tiġi involuta fi kwalunkwe passi sussegwenti mill-awtorità superviżorja ewlenija stabbilita għida sabiex ikun evitat li l-proċess amministrattiv jiġi mċaħħad mill-effettività tiegħu u/jew li jiġi introdott aktar dewmien biex ir-rimedji rilevanti jsiru disponibbli (anke f'konformità mal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea).
26. Fl-aħħar, għandu jiġi nnutat li sabiex jiġi evitat forum shopping u tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tas-suġġetti tad-*data*, ir-rilokazzjoni tal-istabbiliment ewlieni għandha tkun effettiva u ppruvata mill-kontrollur tad-*data* (ara l-WP244 bl-isem "*Linjigwida għall-identifikazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija ta' kontrollur jew proċessur*", adottati fit-13 ta' Diċembru 2016 mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, pġ 8). Il-kunċett tal-istabbiliment ewlieni nnifsu jindika li mhuwiex biss pass momentarju jew burokratiku li jiġi definit mill-impriżi iżda pass reali li sar bi skop għal perijodu fit-tul. Għaldaqstant, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jeżerċitaw kontroll effettiv fuq il-kunċett ta' stabbiliment ewlieni sabiex inaqqsu r-riskju li kontrolluri jew proċessuri jibdlu b'mod artifiċjali l-istabbiliment ewlieni għall-iskop li jibdlu l-awtorità kompetenti biex tittratta l-każ.

4.3 L-opinjoni adottata

4.3.1 Rilokazzjoni tal-istabbiliment ewlieni jew uniku fiż-ŻEE

27. Soġġett għall-kunsiderazzjonijiet t'hawn fuq, ir-rilokazzjoni tal-istabbiliment ewlieni għat-territorju ta' Stat Membru taż-ŻEE ieħor f'nofs proċedura titqies li qed iċċaħħad l-ewwel awtorità mill-kompetenza oriġinali tagħha fil-mument li din il-bidla ssir effettiva iżda mhux biex iċċaħħad b'mod retrospettiv l-operazzjonijiet li jkunu diġà twettqu mill-awtorità inizjali ta' bażi legali.
28. Kull proċediment pendenti se jiġi trasferit lill-awtorità superviżorja tal-Istat li fih jinsab l-istabbiliment ewlieni. Din l-awtorità superviżorja ssir l-awtorità superviżorja ewlenija u l-proċediment jitkompla f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 60 f'kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(22).
29. Ir-rilokazzjoni tal-istabbiliment ewlieni jew uniku fiż-ŻEE titqies li qed iċċaħħad lill-ewwel awtorità mill-irwol oriġinali tagħha bħala awtorità superviżorja ewlenija fil-mument li din il-bidla ssir effettiva u evidenti. Bħal qabel, il-proċedura ta' kooperazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 60 se tkun applikabbli u l-awtorità superviżorja ewlenija l-għida se tkun taħt obligazzjoni li tikkoopera mal-awtorità superviżorja ewlenija ta' qabel u mal-awtoritajiet superviżorji kompetenti l-oħra sabiex jintlaħaq kunsens.

4.3.2 Il-ħolqien tal-istabbiliment ewlieni jew uniku jew ir-rilokazzjoni minn pajjiż terz għaż-ŻEE

30. L-EDPB tqis li l-kompetenza ewlenija tista' tgħaddi għand awtorità superviżorja oħra sakemm tittieħed deċiżjoni finali mill-awtorità superviżorja ewlenija. Bħala riżultat, il-ħolqien ta' stabbiliment ewlieni jew uniku jew ir-rilokazzjoni tiegħu minn pajjiż terz għaż-ŻEE (fi proċedura li inizjalment bdiet mingħajr kooperazzjoni) f'nofs proċedura se jippermetti li l-kontrollur jibbenefika mill-punt uniku ta' servizz.

31. Kull proċediment pendenti (proċediment mhux neċessarjament b'kooperazzjoni minħabba n-nuqqas inizjali ta' stabbiliment ewlieni fiż-ŻEE) se jiġi trasferit lill-awtorità superviżorja tal-Istat li fih jinsab l-istabbiliment ewlieni. Din l-awtorità superviżorja se ssir l-awtorità superviżorja ewlenija u l-proċediment se jitkompla f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 60, f'kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(22).
32. Il-ħolqien ta' stabbiliment ewlieni jew uniku jew ir-rilokazzjoni tiegħu minn pajjiż terz jitqies li qed iċaħħad lill-ewwel awtorità mill-irwol oriġinali tagħha bħala awtorità kompetenti minħabba li l-ilment tressaq l-ewwel mal-awtorità superviżorja fil-mument li din il-bidla saret effettiva u evidenti. Bħal qabel, il-proċedura ta' kooperazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 60 se tkun applikabbli u l-awtorità superviżorja ewlenija l-ġdida se tkun taħt obbligazzjoni li tikkoopera mal-awtorità superviżorja ewlenija ta' qabel u mal-awtoritajiet superviżorji kompetenti l-oħra sabiex jintlaħaq kunsens.

4.3.3 L-għejbien tal-istabbiliment uniku jew ewlieni

33. L-EDPB tqis li l-kompetenza ewlenija tista' tgħaddu għand awtorità superviżorja oħra sakemm tittieħed deċiżjoni finali mill-awtorità superviżorja ewlenija. Bħala riżultat, l-għejbien tal-istabbiliment uniku jew ewlieni f'nofs proċedura (jew minħabba li l-istabbiliment ewlieni ċċaqlaq 'il barra mit-territorju taż-ŻEE jew minħabba li ġie xolt) se jżomm lill-kontrollur milli jibbenefika mill-punt uniku ta' servizz.
34. Fil-każ fejn l-istabbiliment ma jibqax jeżisti fit-territorju tal-Istat Membru tiegħu, l-awtorità superviżorja ewlenija ta' qabel tibqa' kompetenti bħal kwalunkwe awtorità superviżorja kompetenti oħra skont l-Artikolu 4(22) tal-GDPR. Peress li l-ipproċessar ma jistax jibqa' jitqies aktar bħala transfruntier, il-prinċipju ta' kooperazzjoni jispiċċa u kull awtorità kkonċernata terġa' tikseb ġurisdizzjoni sħiħa.

5 KONKLUŻJONI

35. Bħala konklużjoni, il-Bord iqis li l-kompetenza sabiex wieħed jaġixxi bħala awtorità superviżorja ewlenija tista' tgħaddi għand awtorità superviżorja oħra f'każ ta' bidla dokumentata fiċ-ċirkostanzi relatati mal-istabbiliment ewlieni jew uniku ta' kontrollur jew proċessur sakemm l-awtorità superviżorja tasal għal deċiżjoni finali.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)